NAXXAR

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IL-ĦAMES KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 52 - IT-TLIETA 2 TA' ĠUNJU 2009**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-7:40pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku (waslet fit-7:50pm) |
| | Is-Sra Speranza Xuereb | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Victor Agius | Kunsillier |
| | Is-Sra Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Is-Sur Noel Gatt | Kunsillier |
| | Is-Sur Joe Grech | Kunsillier (wasal fit-8:00pm) |
| | Is-Sur Anthony Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Catania | Kunsillier |
| | Is-Sur Glenn Fenech | Kunsillier |
| | Is-Sur Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm pubbliku preżenti. | |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Is-SE qara l-minuti minħabba li ma laħaqx preżentahom qabel. Waqt il-qari tal-Minuti waslet is-Sindku. Il-ħin kien it-7:50pm.

1.2. Il-Minuti ġew approvati mingħajr emendi u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 2. XOGĦOL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

2.1. Il-Viċi Sindku staqsiet lill-Kunsilliera Miceli dwar il-walking bus fejn is-Sinj. Miceli infurmat li kienet avviċinat lis-Surmast u li jeħtieġ li jsir pjan sħiħ. Hija se tkompli taħdem fuq dan il-pjan.

2.2. B'riferenza għall-para. 5.2, il-Kunsilliera Miceli staqsiet dwar jekk intbagħtitx l-applikazzjoni, is-SE informa li din kienet intbagħtet fil-ħin.

2.3. Il-Viċi Sindku staqsiet jekk kinitx saret l-applikazzjoni għall-bozoz li ġew approvati ftit tal-ġimgħat qabel. Is-SE informa li waħda minnhom kienet twaħħlet u li l-oħra kienet kważi lesta.

2.4. Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Miceli dwar l-i*scaffolding*, is-SE informa li r-residenta kienet aċċettat l-offerta tal-Kunsill iżda b'arranġament differenti minħabba li ma kienx possibli għaliha li tħallas is-somma kollha bil-quddiem. Għaldaqstant il-ħlas kien qed isir ġimgħa ġimgħa minn qabel. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal dan.

2.5. Fuq rapport li sar mill-Kunsillier Agius dwar parkeġġ għal persuni b'diżabbilità li sar riċentament fi Triq il-Brażil, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jagħmel ilment uffiċjali lill-ADT biex titressaq ftit minħabba li qed tostakola rampa.

2.6. Il-Kunsillier Agius fakkar lis-SE biex possibilment jipprova jinvestiga dwar min seta' kien li neħħa l-lampa li kien hemm fi Sqaq Ċejlu.

2.7. Hawnhekk daħal il-Kunsillier Joe Grech. Il-ħin kien it-8:00pm.

## 3. LISTA TAL-ĦLASIJIET

3.1. Is-SE, wara li wera ammont konsiderevoli ta' kontijiet pendenti, informa li l-*accountant* tal-Kunsill ma laħaqx għamel il-lista ta' ħlasijiet fil-ħin minħabba li kellu jsiefer għal ġimgħa. Huwa informa li fil-kas tal-*accounts* jinsabu kemm xejn lura.

3.2. Kien hemm qbil li fejn ma kienx hemm problemi, is-SE kellu jmexxi bil-ħlasijiet qabel il-laqgħa li jmiss.

## 4. IR-RAPPORT FINANZJARJU U L-ESTIMI FINANZJARJI

4.1. Is-SE ressaq rendikont finanzjarju iżda li ma kienx skont kif mitluba mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Madanakollu dan kien qiegħed jagħmlu minħabba li l-*accountant* kien għadu ma ffinalizzax ir-rapport propju u matul din il-ġimgħa kellu jsiefer. Il-Kunsill qabel li japprovah u li appena jkollu f'idejh ir-rapport propja jgħaddih għand id-Dipartiment.

4.2. Is-SE għadda kopja tal-Estimi Finanzjarji. Huwa informa li dan huwa soġġett għal xi konfermi mill-*accountant* meta jiffinalizza r-rapport propju.

4.3. Saru numru ta' mistoqsijiet mill-Kunsilliera lis-SE fejn dan ta l-ispjegazzjoni kif xieraq.

4.4. Hawnhekk is-SE informa li dalwaqt kienu se joħorġu applikazzjonijiet għal attivitajiet kulturali fejn il-Kunsilli setgħu japplikaw għal xi fondi. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu japplika għal dawn il-fondi.

4.5. Il-Kunsillier Catania talab lill-Kunsill jikkunsidra li jistieden lill-*handymen* tal-Kunsill għal-laqgħa soċjali li se ssir. Kien hemm qbil iżda li dawn m'għandhomx jiġu mistiedna minħabba li l-Kunsill kellu ħafna aktar ħaddiema bil-kuntratt bħalhom jew assenjati miegħu fuq xogħol. Għaldaqstant kien hemm qbil li l-laqgħa soċjali tkun miftuħa biss għall-Kunsilliera u l-impjegati tal-Kunsill.

## 5. IL-PJAN TAT-TLIET SNIN

5.1. Is-SE għadda kopja *draft* tal-Pjan ta' Tliet Snin b'xi notamenti min-naħa tiegħu. Kien hemm qbil iżda li l-Kunsill preżenti m'għandux jiddeċiedi dwar x'għandhom ikunu l-pjanijiet tal-Kunsill għat-tliet snin li ġejjin fl-aħħar ftit ġranet tal-leġiżlazzjoni tiegħu u għaldaqstant ħalla l-approvazzjoni tal-Pjan għall-Kunsill li jmiss.

## 6. AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

6.1. Is-SE irringrazzja lill-Kunsilliera kollha tax-xogħol kollu li sar min-naħa tagħhom kif ukoll tal-koperazzjoni li kien hemm bejn il-Kunsill matul dawn l-aħħar snin. L-istess

għamlet is-Sindku awgurat lill-kandidati kollha għall-elezzjoni li jmiss filwaqt li talbet koperazzjoni għal xogħol volontarju mingħand dawk li mhux se jikkontestaw.

6.2. Il-Kunsillier Joe Grech ukoll għadda r-ringrazzjamenti u l-awgurji tiegħu lis-Sindku, lill-Kunsilliera kif ukoll lill-istaff kollu tal-Kunsill.

6.3. Il-laqgħa ġiet aġġornata fl-9:50pm.

**Maria F. Deguara** *MD,MMCFD*
Sindku

**Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM*
Segretarju Eżekuttiv